# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Frar, 2020**

**Numru 12**

**Rikors Numru 530/19TA**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)**

**vs**

**Jesmond Mejlaq (Karta tal-Identita` numru 178573M) u Anna Marie Mejlaq (Karta tal-Identita` numru 343374M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjeta Attriċi tat-30 ta' Mejju 2019 maħluf mill-Avukat Ralph Aguis Fernandez li permezz tiegħu ippremettiet u talbet is-segwenti:

"1. Illi in forza ta' żewġ kuntratti t-tnejn ippubblikati fl-1 ta' Awwissu 2014 fl-atti tan-Nutar Annalisa Caruana, il-Bank attur ikkonċeda żewġ faċilitajiet bankarji lill-konvenuti konjuġi Mejlaq solidalment bejniethom konsistenti f'self, u dan wara żewġ *sanction letters* maħruġa mill-istess Bank attur datati t-tnejn 4 ta' Ġunju 2014 (kopja tal-kuntratti ta' self u tas-*sanction letters* hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. "A" sa Dok. "D");

2. Illi permezz tal-imsemmija faċilitajiet konċessi, il-konvenuti ingħatalhom self mill-bank attur, fl-ammont kumplessiv ta' erba' mija ħdax-il elf u ħames mitt Ewro (€411,500); li minnhom is-somma ta' mitejn tmienja u sebgħin elf ħames mitt Ewro (€278,500) intużat sabiex il-konvenuti jakkwistaw proprjeta` ġewwa l-Kappara (kont bin-numru 14211005) filwaqt illi l-bilanċi somom ta' €90,000 (kont bin-numru 087-153516-341) u €43,000 (kont bin-numru 16143533) ingħata lilhom għall-*personal commitments*.

3. Illi l-konvenuti naqsu milli jagħmlu l-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-*sanction letter* u għalkemm debitament interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 17 ta' Diċembru 2015 (kopja tagħha annessa bħala Dok "H") sabiex jindirizzaw l-arretrati dovuti, huma baqgħu inadempjenti u għaldaqstant huma ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skond il-kundizzjonijiet tal-istess *sanction letter* u tal-kuntratt ta' self relattiv;

4. Illi fuq dan is-self il-konvenuti konjuġi Mejlaq huma għalhekk debituri solidali tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta' ħames mija u tnejn u għoxrin elf mija u disgħin Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€522,190.96), dovuta in kwantu (a) għal wieħed u erbgħin elf disa' mija wieħed u erbgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€41,941.40) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom u tlettax-il elf sitt mija u ħamsin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€13,650.15) bħala imgħax ikkalkulat sal-15 ta' Mejju 2019, kif jirriżulta mill-anness *statement* tal-kont in kwistjoni bin-numru 087-153516-341 immarkat Dok."E", (b) is-somma ta' disa' u tmenin elf u erbgħa u ħamsin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€89,054.49) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u erbgħa u għoxrin elf sitt mija wieħed u ħamsin Ewro u sbatax il-ċenteżmu (€24,651.17) bħala imgħax ikkalkulat sal-15 ta' Mejju 2019, kif jirriżulta mill-anness *statement* tal-kont in kwistjoni bin-numru 16143533 immarkat Dok. "F", u (ċ) mitejn u sebgħa u sebgħin elf u sebgħa Euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€277,007.71) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u ħamsa u sebgħin elf tmien mija sitta u tmenin Ewro u erba' ċenteżmi (€75,886.04) bħala imgħax ikkalkolat sal-15 ta' Mejju 2019, kif jirriżulta mill-anness *statement* tal-kont in kwistjoni bin-numru 14211005 immarkat Dok. "G", u dan kollu oltre l-imgħax legali ulterjuri dovuti fuq il-bilanċi hawn indikati kkalkolati mis-16 ta' Mejju 2019 sad-data tal-pagament effettiv;

Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:-

(i) Tiddikjara li l-konvenuti Jesmond u Anna Marie konjuġi Mejlaq huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma komplessiva ta' ħames mija u tnejn u għoxrin elf mija u disgħin Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€522,190.96), dovuta in kwantu (a) għal wieħed u erbgħin elf disa' mija wieħed u erbgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€41,941.40) bħala bilanċ mill-kapital misluf

lilhom u tlettax-il elf sitt mija u ħamsin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€13,650.15) bħala imgħax ikkalkulat sal-15 ta' Mejju 2019, kif jirriżulta mill-anness *statement* tal-kont in kwistjoni bin-numru 087-153516-341 (b) is-somma ta' disa' u tmenin elf u erbgħa u ħamsin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€89,054.49) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u erbgħa u għoxrin elf sitt mija wieħed u ħamsin Ewro u sbatax il-ċenteżmu (€24,651.17) bħala imgħax ikkalkulat sal-15 ta' Mejju 2019, fuq il-kont bin-numru 16143533 u (ċ) mitejn u sebgħa u sebgħin elf u sebgħa Euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€277,007.71) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u ħamsa u sebgħin elf tmien mija sitta u tmenin Ewro u erba' ċenteżmi (€75,886.04) bħala imgħax ikkalkolat sal-15 ta' Mejju 2019 fuq il-kont bin-numru 14211005, bl-imgħaxijiet ulterjuri legali dovuti mis-16 ta' Mejju 2019 sal-effettiv pagament u dan a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

(ii) Tikkundanna lill-istess konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' ħames mija u tnejn u għoxrin elf mija u disgħin Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€522,190.96), bl-imgħaxijiet legali ulterjuri kkalkolati mis-16 ta' Mejju 2019 sad-data tal-effettiv pagament a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 17 ta' Diċembru 2015 rispettivament u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."

Rat li l-Konvenuti debitament notifikati skont il-liġi baqgħu kontumaċi;

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Semgħet ix-xhieda mressqa mis-Soċjeta' Attriċi;

Rat li fis-seduta tat-12 ta' Diċembru 2019 il-konvenuti kontumaċi ingħataw il-fakulta ta' nota ta' sottomissjonijiet ai termini tal-artiklu 158(10) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta baqgħu ma għamlu xejn;

Rat li Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Ikkunsidrat**

Eżaminat id-dokumenti kollha esebiti u jirrisulta li l-ammont li qiegħed jintalab tassew huwa dovut mill-Konvenuti. Di fatti l-Avukat Ralph Agius Fernandez fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2019 jixhed li fil-mument li ġiet presentata l-Kawża, l-ammont kumplessiv kien dak li qiegħed jintalab fir-rikors ġuramentat (ara a' fol 61A). Għalkemm fil-mori tal-kawża saru xi pagamenti (ara xhieda ta' Dr. Ralph Aguis Fernandez) dawn ġew attribwiti għall-imgħaxijiet. Stante dekadenza minn naħa tal-konvenuti tal-kapital, il-Bank rikorrenti kellu raġun li l-pagamenti li saru fil-mori tal-Kawża attribwihom l-ewwel għall-imgħaxijiet (ara artikolu 1169 tal-Kodiċi Ċivili).

Fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2019 deher il-konvenut Jesmond Mejlaq li pero' flimkien mal-konvenuta l-oħra kien diġa' fi stat ta' kontumaċja (ara a' fol 59 tergo u a' fol 60). Fid-dawl tal-kontumaċja tal-Konvenuti u fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ingħataw il-fakulta' li jippresentaw nota ta' osservazzjonijiet. B'dana kollu baqgħu ma għamlu xejn.

Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti konvinta li l-Bank Attur irnexxielu jipprova t-talbiet tiegħu.

Għaldaqstant din il-Qorti għar-raġunijiet fuq premessi qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel** talba Attriċi billi tiddikjara li l-konvenuti Jesmond u Anna Marie konjuġi Mejlaq huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-

somma komplessiva ta' ħames mija u tnejn u għoxrin elf mija u disgħin Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€522,190.96), dovuta in kwantu (a) għal wieħed u erbgħin elf disa' mija wieħed u erbgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€41,941.40) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom u tlettax-il elf sitt mija u ħamsin Ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€13,650.15) bħala imgħax ikkalkulat sal-15 ta' Mejju 2019, kif jirriżulta mill-anness *statement* tal-kont in kwistjoni bin-numru 087-153516-341 (b) is-somma ta' disa' u tmenin elf u erbgħa u ħamsin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€89,054.49) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u erbgħa u għoxrin elf sitt mija wieħed u ħamsin Ewro u sbatax il-ċenteżmu (€24,651.17) bħala imgħax ikkalkulat sal-15 ta' Mejju 2019, fuq il-kont bin-numru 16143533 u (ċ) mitejn u sebgħa u sebgħin elf u sebgħa Euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€277,007.71) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u ħamsa u sebgħin elf tmien mija sitta u tmenin Ewro u erba' ċenteżmi (€75,886.04) bħala imgħax ikkalkolat sal-15 ta' Mejju 2019 fuq il-kont bin-numru 14211005, bl-imgħaxijiet ulterjuri legali dovuti mis-16 ta' Mejju 2019 sal-effettiv pagament u dan a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Tilqa' it-tieni** talba Attriċi u tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' ħames mija u tnejn u għoxrin elf mija u disgħin Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€522,190.96), bl-imgħaxijiet legali ulterjuri kkalkolati mis-16 ta' Mejju 2019 sad-data tal-effettiv pagament a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes kif mitluba kontra l-konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**